# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Illum il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2019.**

**Rikors numru 111/19LM**

**Stephanie Pisani**

**v.**

**Jason Scicluna**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Jason Scicluna fejn qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni a bazi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; din it-talba giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghaliex il-kawza fil-mertu giet gia deciza mill-Prim Awla tal Qorti Civili izda sar appell mis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti.

Naturalment il-kontro parti qed topponi ghal din it-talba.

Ikkunsidrat;

Illi dan il-mandat inhareg fl-2016 u permezz tas-sentenza msemmija li nghatat fl-24 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrent kien ikkudannat ihallas is-somma ta' €41, 974.68; l-istess rikorrenti ddepozita taht l-awtorita` tal-Qorti s-somma komplessiva msemmija permezz ta' zewg depoziti li saru f`dati differenti – wiehed mill-bank sekwestratarju u l-iehor mill-istess Scicluna mal-ghoti tas-sentenza appellata.

Ir-rikorrenti jsostni li ladarba hemm il-flus depozitati l-Qorti ma ghadx hemm lok ghal dan il-mandat ta' sekwestru. L-intimata qed tirrispondi li hija ma ghandhiex il-garanzija li m'hemmx kredituri ohra u wkoll li l-flus depozitati jaghmlu tajjeb biss ghas-sorte minghajr ma jittiehed kont tal-ispejjez u l-imghaxijiet.

Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Spiteri vs Darmanin** (25 ta' Awwissu 2010) *Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat,*

L-istess Qorti f'dawk il-proceduri qalet ukoll *Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat****, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*

Il-Qorti illum stess qed taghti provvediment rigwardanti Mandat ta' Inibizzjoni li nhareg mill-intimata kontra r-rikorrenti fejn gie inibit milli jbiegh xi proprjetajiet u ghalhekk taghmel riferenza ghal dak il-provvediment. Biss l-intimata ghandha ragun li flus depozitati ma jaghmlux tajjeb ukoll ghall-imghaxijiet u spejjez u ghalhekk se tilqa' t-talba purke' r-rikorrenti jiddeposita taht l-awtorita` tal-Qorti somma ulterjuri ta' hamest elef euro.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' it-talbiet kontenuti fir-rikors purke huwa jiddepozita taht l-awtorita` tal-Qorti s-somma ulterjuri ta' €5,000 (hamest elef euro). Spejjez ta' din il-procedura bla taxxa.

Joseph Azzopardi
Prim Imhallef

Joseph R. Micallef
Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Deputat Registratur
gr